MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 186/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**David u Frances mizzewgin Caruana**
**(karta ta’ l-identita` numru 516973 (M) u 471677 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu l-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi permezz ta’ zewg (2) kuntratti u skrittura privata indikati fir-rikors guramentat promotur, is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati konjugi Caruana;

1.2 Illi ghalhekk l-imsemmija socjeta` bankarja rikorrenti hi kreditrici tal-intimati fuq indikati fl-ammont ta’ mija u zewgt elef u Ewro u sitta u tletin centezmu, (€102,001.36), bilanc dovut ghall-imsemmi self, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-6 ta’ Frar, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3 Illi *di piu`*, sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq riferiti kif indikat mis-socjeta` rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 1);

1.4 Illi l-intimati konjugi Caruana gew debitament interpellati bis-suespost izda baqghu inadempjenti;

1.5 Illi konsegwentement kellha tigi intavolata l-procedura odjerna mis-socjeta` rikorrenti kontra l-konjugi intimati fuq riferiti;

1.6 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex in vista tal-premess din il-qorti:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura in dizamina kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 2);

1.6.2. Tikkundanna lill-intimati konjugi Caruana ihallsu flimkien u *in solidum* lis-socjeta` rikorrenti l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2)), bilanc ghad-debiti inkorsi mill-intimati ghas-self lilhom koncess mill-Bank rikorrenti fuq indikat, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-6 ta’ Frar, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.6.3. Bl-ispejjez, kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta` rikorrenti;

3. Ikkonstatat li l-intimati fuq indikati gew debitament notifikati bl-avviz ghas-smiegh u bir-rikors guramentat promotur bil-procedura tal-pubblikazzjoni skont il-ligi, (ara fol 63 *et sequitur*);

4. Semghet ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-bank rikorrenti li kkonfermat li xejn minn dak indikat fir-rikors guramentat promotur ma inbidel mid-data tal-prezentata tal-istess sad-data li fiha instemghet ix-xhud *de quo*, (ara referenza fil-verbal datat it-3 ta' Lulju, 2013);

5. Rat in-nota tal-intimat David Caruana datat it-3 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha ammetta fil-konfront tieghu biss it-talbiet kollha kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha fuq indikat;

6. Illi in vista tal-istess ammissjoni imsemmija fil-paragrafu precedenti din il-qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimat David Caruana,;

7. Illi fil-konfront tal-intimata Frances Caruana tqis li l-kaz gie debitament ikkonfermat u ppruvat ukoll fil-konfront taghha;

8. Illi konsegwentement:

8.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura in dizamina kif inidkat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 2);

8.2. Tiddikjara lill-intimati David u Frances konjugi Caruana li in vista tal-premess l-ammont minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti jammonta ghal mija u zewgt elef u Ewro u sitta u tletin centezmu, (€102,001.36);

8.3. Tikkundanna ghalhekk lill-konjugi intimati fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, (paragrafu sitta punt tnejn (6.2));

8.4. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha u, bl-imghaxijiet dovuti

skont il-ligi mis-6 ta’ Frar, 2013, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------